MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Numru. 630/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**VS**
**JUANITO JIMENEZ**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Juanito Jimenez ta’ 19- il sena, bin Pedro Juan u Pauline nee’ Deguara mwieled Pieta’ nhar is- 26 ta’ Mejju 1993, residenti gewwa 12, Alley, Triq id- Duluri, Hamrun u detentur tal- Karta tal- Identita’ 242693M;

Talli nhar il- 21 ta’ Mejju 2012 u fil- granet wara din id-data iddenunzja lill- Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil- qerq holoq tracci ta’ reat b’ mod li jistghu

jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta' gbir ta' provi tal-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti giet infurmata bic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, fejn l-imputat irrapporta li kien insteraqlu curkett prezzjuz, meta fil-fatt dan kien biss inteliflu. Il-Qorti giet infurmata wkoll li din l-investigazzjoni wasslet ghal hafna telf ta' hin u rizorsi mill-Ufficjali tal-Pulizija, peress illi l-imputat kien irrapporta li kien gie aggredit minn terzi barra stabbiliment kummercjali, u l-Pulizija qaghdet tezamina l-filmati ta' dak il-lejl meta allegatament kien gie aggredit l-imputat, kif kien irrapporta l-falz. Il-Qorti semghet ukoll lill-Ufficjal tal-Probation tal-imputat, u tara li f'dan il-kaz ma hemmx lok ghal piena ta' prigunerija effettiva, anqas ta' dik sospiza. Il-Qorti ghalhekk qieset li, biex l-imputat jifhem il-hsara li hu ghamel bir-rapport falz tieghu, ghandu jservi numru ta' sieghat bhala servizz fil-komunita', u b'hekk jaghmel tajjeb ghad-dannu li hu kkawza blagir tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat Juanito Jimenez hati, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ Servizz fil-komunita’ ghal mitt (100) siegha, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------